MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2124/2002

**Avviz Numru 2124/02 AJD**
**Pater Finance Co. Limited**

**vs**

**Anthony Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Settembru 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tmenin lira Maltin (Lm380.00) rappresentanti  import ta' hames kambjali, ta' Lm76.00 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Mejju 2002 sa Settembru 2002 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa 5.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-3 ta' Settembru 2002 jammontaw ghal Lm6.00, oltre l-imghax

ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Mejju 2002 kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fis-6 ta' Dicembru 2002 fejn hija rriduciet it-talba taghha ghall-mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin (Lm22.00), bl-imghax mill-31 ta' Ottubru 2002.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Camilleri in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin (Lm22.00), bl-imghax pagabbli mill-31 ta' Ottubru 2002 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Mejju 2002 ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**